Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Awwissu 2019**
**(OR. en)**

**11778/19**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0170(NLE)**

**COEST 178**
**WTO 225**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Awwissu 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 369 final - Annex |
| Suġġett: | ANNESS tad- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 369 final - Annex.

---

Mehmuż: COM(2019) 369 final - Annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2019
COM(2019) 369 final

ANNEX

**ANNESS**

**tad-**

**Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim**

**DOKUMENT MEHMUŻ**

ABBOZZ

**ID-DEĊIŻJONI NRU XX/XX TAL-KUMITAT TA' SĦUBIJA UE-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA**

**ta' XXXX**

**dwar l-istabbiliment tal-lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 339(1) tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra**

IL-KUMITAT TA' SĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 339(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 339(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Sħubija għandu jistabbilixxi lista ta' mill-inqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri.

(2) L-Artikolu 339(1) tal-Ftehim jipprovdi li l-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti, sublista waħda għal individwi ta' kull Parti u sublista ta' individwi li ma jkunux ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u li għandhom iservu bħala president tal-bord ta' arbitraġġ. Kull sublista għandha tinkludi mill-inqas ħames individwi.

(3) L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja pproponew il-ħames arbitri kandidati rispettivi tagħhom u qablu dwar ħames ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jservu bħala president ta' bord tal-arbitraġġ. L-individwi kollha elenkati li huma lesti u kapaċi li jservu ta' arbitri.

(4) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Ftehim u b'mod partikolari l-Kapitolu 13 tat-Titolu VI tiegħu, il-lista trid tiġi adottata mill-Kumitat ta' Sħubija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri skont l-Artikolu 339(1) tal-Ftehim hija stabbilita fl-Anness ta' dan id-Deċiżjoni.

*Artikolu* 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kumitat ta' Sħubija*

*Il-President*

# ANNESS

# LISTA TA' ARBITRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 339 TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA KOMPRENSIV U MSAĦĦAĦ BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA, MIN-NAĦA L-OĦRA

**L-arbitri proposti mill-Unjoni Ewropea**

1. Claus–Dieter EHLERMANN
2. Giorgio SACERDOTI
3. Jacques BOURGEOIS
4. Pieter Jan KUIJPER
5. Ramon TORRENT

**Arbitri proposti mill-Armenja**

1. Nora SARGSYAN
2. Arman SARGSYAN
3. Grigor BEKMEZYAN
4. Levon GEVORGYAN
5. Mushegh MANUKYAN

**Presidenti**

1. William Davey (l-Istati Uniti)
2. Helge Seland (in-Norveġja)
3. Maryse Robert (il-Kanada)
4. Christian Häberli (l-Iżvizzera)
5. Merit Janow (l-Istati Uniti)